



# Aħbar Tajba

Dewt 30, 10-14
Salm 68 (69), 14 u 17. 30-31. 33-34. 36ab u 37
Kol 1, 15-20
Lq 10, 25-37

L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu:
**"Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi."**

Darba ilu ħafna kien hemm belt żgħira taħt muntanja li ma kien jonqosha xejn. Kien hemm paċi kbira u kulħadd kellu xogħol tajjeb. Ma kien jonqoshom xejn li ma kienx għal wieħed raġel li jgħix barra l-belt li n-nies kienu jafuh bħala 'l-Mostru'. Mhux għax kien xi ħlejqa ta' barra minn hawn. Kien raġel ftit kbir fl-età, b'saħħtu imma kellu ġilda bajda ħafna. Qatt ħadd ma kien ra raġel ibjad minnu. Ġilda bajda, xagħru abjad, xufftejh ftit skuri jagħtu fil-vjola u għajnejh daqsxejn ħomor. In-nies kienu dejjem jgħadduh bi żmien u jivvintaw stejjer strambi fuqu biex ibeżżgħu ż-żgħar.

Imma Uri, għax hekk kien jismu 'l-Mostru', qatt ma pattieha lil ħadd. Mhux l-ewwel darba li għamlulu xi waħda tinkiteb. Għalkemm kien raġel kbir u b'saħħtu qatt ma pattihielhom jew ipprova jiddefendi ruħu. Uri mhux talli ma kienx bħall-mostri tal-istejjer tal-biża', anzi kien jitbiegħed minnufih u jaħfrilhom.

Imma darba fuq il-belt faqqgħet maltempata kbira. Is-sajjetti bdew ifaqqgħu waħda f'waħda u x-xita qawwija ma riedet tieqaf b'xejn. F'mument minnhom matul il-lejl is-sema xegħel u sajjetta niżlet tiġri lejn il-muntanja. Kien hemm ftit mumenti ta' skiet u wara nstema' ħoss stramb li qatt ma kien instema'. F'daqqa waħda parti mill-muntanja ċediet u għadd kbir ta' silġ mill-muntanja beda jitgerbeb lejn il-belt. Imma ħadd ma nduna u l-belt ġiet mirduma f'baħar abjad ta' silġ. In-nies qamu maħsuda imma ftit kien hemm x'jistgħu jagħmlu minn hemm taħt. Ma kienx fadlilhom xejn ħlief li jirrassenjaw ruħhom li dik kienet l-aħħar siegħa tagħhom.

Imma minn barra beda jinstema ħoss ta' tħaffir. Forsi n-nies tal-belt ġirien tagħhom ġew jgħinuhom? Aktar ma beda jgħaddi l-ħin dan il-ħoss beda joqrob u wara sigħat twal beda jinstema' xi ħadd iqatta' fuq is-soqfa tal-injam biex jiftaħhom. Imma ħadd ma kien jobsor li l-għajnuna tagħhom kien bniedem wieħed abjad karti. Minn dakinhar ħadd aktar ma sejjaħlu 'l-Mostru' imma Uri, l-bniedem li salva l-belt.

Din l-istorja tixbah lill-parabbola li smajna. Is-samaritani ma kinux 'mostri' imma l-Lhud ma kinux jistgħu għalihom. Imma f'din il-parabbola lil-Lhudi miġruħ ma għenuhx ħutu l-Lhud imma barrani Samaritan. F'din il-parabbola Ġesù mhux biss qed jgħidilna ngħinu lil min hu fil-bżonn imma noqogħdu attenti lil min inwarrbu minna.




*Nista' nagħżel li ma nagħtix kas u nibqa' għaddej*

*Nista' nagħżel li nitħassar lil dak li jkun imma ma noffrix għajnuna*

*Nista' nagħżel li nweġġa`jew* NGĦIN *lill-persuna*

Hemm ħafna modi kif nista' ngħin, imma xi drabi jkun diffiċli ninduna għax mhux kulħadd juri li għandu bżonn l-għajnuna. Għalhekk tajjeb li nitlob lil Ġesu` jgħinni ninduna bil-persuni li jkunu fil-bżonn tal-għajnuna.

Għandi ngħin mhux biss meta nieħu gost b'dak li qed nagħmel imma anke meta dan ikun jitlob xi ftit sagrifiċċju jew tbatija. Niftakar li xi darba nista' nkun jien li għandi bżonn l-għajnuna u li kieku napprezza li xi ħadd jagħmel sagrifiċċju biex jgħinni.

Naf li meta ngħin inħossni aħjar, imma xi drabi xorta noqgħod lura jew ma jkollix aptit. Għalhekk illum nitlob lil Ġesu` jaħfirli għal dawk id-drabi li ma għentx lil xi ħadd li kien fil-bżonn, u biex jagħtini l-għajnuna ħalli ninduna bil-bżonnijiet tal-oħrajn u ngħin bil-qalb.



## Qaddisin protetturi

Fil-Knisja Kattolika għandna tradizzjoni twila ta' qaddisin. Matul is-snin il-lista tal-qaddisin twalet ħafna u isimhom sar isem ta' ħafna bliet, toroq u postijiet importanti. Imma fil-ħajja tal-Insara, il-qaddisin għandhom post speċjali ħafna għaliex dawn huma nies bħalna li ppruvaw u rnexxielhom jgħixu l-Evanġelju. Dawn il-qaddisin jagħmlulna kuraġġ li jekk nagħmlu l-almu tagħna nistgħu nimxu t-triq li twassal għand il-Missier tas-Sema.

Imma l-qaddisin huma wkoll għajnuna għalina. Ħafna huma l-Insara li jitolbu lil xi qaddisin b'devozzjoni kbira biex jgħinuhom fiż-żminijiet diffiċli. Matul iż-żmien il-Knisja poġġiet x'uħud minn dawn il-qaddisin bħala protetturi ta' xi nies waqt li oħrajn huma magħrufa għall-għajnuna li jagħtu. San Ġużepp huwa magħruf bħala l-protettur tal-Knisja Universali filwaqt li l-Arkanġlu San Rafel huwa l-protettur ta' dawk li qed jivvjaġġaw. Fittex ftit iktar fuq dawn il-qaddisin u oħrajn li bħalhom huma protetturi u għajnuna għalina.







Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION